**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Mejju, 2018**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 51/2018**

**Dr Edward DeBono debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri Alfaship Viking Intenacional S.L. u Alfaship Internacional S.A., registrati gewwa Spanja**

**vs**

**Petroplus Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-16 ta' Jannar 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjetajiet rikorrenti Alfaship Viking Internacional S.L. u Alfaship Internacional S.A. joffru servizzi gewwa Spanja bhala agenti lii vapuri u bastimenti li jkun dehlin gol-portijiet ta' Cartagena u ta' Barcelona rispettivament, kif ukoll matul il-waqfa taghhom fl-istess portijiet.

2. Illi l-kumpanniji rikorrenti gew appuntanti bhala l-agenti tal-bastiment Triple A (IMO 9322152) fil-portijiet rispettivi taghhom mis-socjeta intimata, li kienet in-noleggjatur tal-istess vapur.

3. Illi fis-sena elfejn u sbatax (2017) u fuq struzzjonijiet diretti minghand is-socjeta intimata, ir-rikorrenti provdew numru ta' servizzi lill-bastiment Triple A waqt li l-istess vapur dahal fil-portijiet rispettivi taghhom u cioe gewwa l-port ta' Cartagena u dak ta' Barcelona.

4. Illi sfortunatament is-socjeta intimata naqqset mill-obbligi taghha stante li ma thallsux numru ta' fatturi li nhargu mis-socjetajiet rikorrenti.

5. Illi s-somma globali dovuta mis-socjeta intimata lis-socjetajiet rikorrenti tammonta ghal disgha u tmenin elf, disa' mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€89,993.73) konsistenti fl-ammont ta' disgha u sittin elf, disa' mija u hdax-il ewro u dsatax-il centezmu (€69,911.19) dovut lil Alfaship Viking Internacional S.L. flimkien mas-somma ta' ghoxrin elf u tnejn u tmenin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€20,082.54) dovuta lil Alfaship Internacional S.A. hekk kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A', u d-diversi fatturi relattivi u li qed jigu hawn annessi u immarkati bhala Dokument 'B1' sa Dokument 'B9'.

6. Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjetajiet attrici fis-somma kumplessiva ta' disgha u tmenin elf, disgha mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€89,993.73), liema somma tirraprezenta l-ammonti kollha dovuti lis-socjetajiet attrici ghas-servizzi li gew provduti lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu u struzzjonijiet taghha stess.

7. Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc dovut, l-istess kumpannija intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kawza odjerna.

8. Illi l-imsemmi ammont kumplessiv ta' disgha u tmenin elf, disa' mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€89,993.73), huwa dejn cert, likwidu u dovut, u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mis-socjeta intimata lill-kumpanniji rikorrenti

9. Illi ghalhekk fil-fehma umli tal-istess socjetajiet rikorenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjetajiet rikorrenti, is-socjeta' intimata ma ghandiex eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammonti.

10. IIli ir-rikorrenti nomine jaf personalment li s-socjeta attrci ma ghandhiex l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Ghaldaqstant tghid is-socjeta intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dina l-Qorti ma ghandiex:

(i) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma globali ta' komplessiva ta' disgha u tmenin elf, disa' mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€89,993.73), rapprezentanti l-ammont ta' disgha u sittin elf, disa' mija u hdax-il ewro u dsatax-il centezmu (€69,911.19) dovut lil Alfaship Viking Internacional S.L. kif ukoll l-ammont ta' ghoxrin elf u tnejn u tmenin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€20,082.54) dovut lil Alfaship Internacional S.A. oltre imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1785/17 kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni pero ma dehritx ghas-seduta tal-11 ta' April 2018 biex tiggustifika ruhha jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza;

Rat li l-Qorti iddiferiet il-kawza ghal provi attrici ghal 25 ta' April 2018 fejn la s-socjeta konvenuta u anqas id-difensur taghha ma dehru u kwindi l-istess socjeta konvenuta giet dikjarata fi stat ta' kontumacja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Dr Edward Debono, mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet attrici fejn bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut billi s-socjeta konvenuta ma hallset xejn;

Rat illi l-kawza thalliet ghat-2 ta' Mejju 2018 ghat-trattazjoni finali;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjetajiet attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma globali ta' komplessiva ta' disgha u tmenin elf, disa' mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€89,993.73), rapprezentanti l-ammont ta' €69,911.19 dovut lil Alfaship Viking Internacional S.L. kif ukoll l-ammont ta' €20,082.54 dovut lil Alfaship Internacional S.A., bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur